MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 60/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Frar, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi l-esponenti kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qiegħed jippreżenta Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet: **A vs B**, sabiex iwaqqaf lir-rikorrenti milli tieħu barra minn Malta lill-minuri X li twieled fis-17 ta' Frar, 2001 fil-Pieta' (Dok. 'A' u Dok. 'B').

2. Illi l-esponenti jixtieq li l-minuri jitneħħa minn fuq il-passaport ta' l-intimata jekk hu l-każ; li l-intimata tiddepożita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-każ fil-Qorti jew ma awtorita' kompetenti oħra; li l-minuri ma jitniżżilx fuq il-passaport ta' l-intimata.

3. Illi l-esponenti jixtieq li l-minuri ma jitħalliex joħroġ minn Malta mingħajr il-permezz ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi l-intimata hija ta' nazzjonalita' Litwana, għandha l-familjari tagħha kważi kollha barra minn Malta u kemm-il darba sostniet li trid titlaq lura pajjiżha. Għalhekk minħabba biżgħa ta' l-esponenti li l-intimata tieħu lit-tifel minuri minn Malta u taħrab bih, l-esponenti ppreżenta l-fuq imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni u l-preżenti proċedura.

Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tikkonferma permanentement il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat kontestwalment fl-ismijiet: **A vs B;**

2. tordna li t-tifel minuri X li twieled fis-17 ta' Frar, 2001, ma jitħalliex joħroġ minn Malta mingħajr il-permezz tal-Qorti;

3. tordna li l-intimata tiddepożita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-każ, ma' din il-Qorti jew ma' awtorita' kompetenti oħra li jidhrilha opportuna li tinnomina l-Qorti;

4. tordna lill-uffiċjal ewlieni tal-passaporti sabiex il-minuri ma jitniżżilx fuq il-passaport ta' l-intimata;

5. tordna lill-uffiċjal ewlieni tal-passaporti sabiex ineħħi lit-tifel minuri minn fuq il-passaport ta' l-intimata jekk dan hu l-każ.

6. tordna n-notifika tas-sentenza eventwali lill-awtoritajiet kompetenti kollha.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni ppreżentat kontestwalment kontra l-intimata li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata bl-ilsien Ingliż ippreżentata fil-21 ta’ Frar, 2007 li permezz tagħha l-konvenuta esponiet bir-rispett:

*1. The action and the claims made by plaintiff are entirely unnecessary and patently vexatious because the minor child is not registered in defendant’s passport, and defendant does not hold the minor’s passport; therefore all claims for his removal from defendant’s passport and for the deposit of his passport are vexatious, useless and cannot be given effect to;*

*2. The deed of separation entered into between the parties on the 4th September, 2003 enrolled in the records of Notary Dr. Marco Burlo’ caters for the eventuality of the minor child travelling with the parents, and provides that the consent of both parents is required; therefore the fear that defendant may abscond with the child is entirely unfounded;*

*3. Defendant has settled in Malta and has no intention of settling in any other country;*

*4. The first claim is irregular and cannot be granted because a warrant of prohibitory injunction, being a precautionary act, cannot be “permanently confirmed”;*

*without prejudice to further pleas allowed by law.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits tal-partijiet u tax-xhieda l-oħra.

Semgħet il-kontro-eżami tal-konvenuta.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-Avukati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Rat id-digriet tad-9 ta’ Jannar, 2008 li permezz tiegħu ġie ordnat l-isfilz tax-xhud omissis in segwitu għar-rikors tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża segwiet mandat ta’ inibizzjoni maħruġ fuq talba tar-rikorrent biex il-minuri msemmi fl-att promotur ma jkunx jista’ joħroġ minn Malta. Il-partijiet isseparaw permezz ta’ l-att pubblikat minn Nutar Marco Burlo’ fl-4 ta’ Settembru, 2003 (fol 40) u f’dan il-kuntratt huma ftehmu li l-minuri kellu jkun soġġett għal awtorita’ parentali konġunta (għalkemm il-kura u kustodja ġiet affidata lill-konvenuta) u l-partijiet kellhom it-tnejn id-dritt illi jsiefru miegħu għal perjodu li ma jeċċedix ix-xahar u li kellu jkollu passaport għalih. L-attur pero’ isostni fl-affiedavit tiegħu (fol 30) illi l-konvenuta qed theddu spiss li titlaq bit-tifel minn Malta u li ma jarahx iktar, kull meta jkollhom xi kwistjoni. Anke t-tifel spiss jgħidlu li ommu ser tieħdu ħdejn nanntu (ommha) li toqgħod ir-Russja. L-attur esebixxa ukoll affidavit ta’ ommu  (li pero’ ġie sfilzat), filwaqt li l-attriċi ppreżentat affidavit tagħha stess u żewġ persuni oħra. Hija tgħid li qatt ma kellha ħsieb taħrab bit-tifel u ommha issa tgħix magħha. Għandha magħha ukoll lil binha minn żwieġ preċedenti. L-*employer* tagħha xehded illi hija ilha taħdem magħha ħames snin. Fil-kontro-eżami, il-konvenuta kkonfermat illi għandha relazzjoni ma’ barrani.

Il-konvenuta qegħda teċċepixxi li ma hemmx lok għal dawn il-proċeduri għaliex il-kuntratt ta’ separazzjoni jipprovdi li l-partijiet jistgħu isiefru bit-tifel, li hi ma għandha ebda ħsieb titlaq minn Malta u finalment li ma tistax tintalab sentenza biex mandat ta’ inibizzjoni jiġi kkonfermat permanentement.

Dwar din l-aħħar eċċezzjoni kien hemm sentenzi li jagħtu raġun lill-konvenuta – ara per eżempju dik tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Adrian de Haan vs Dottor Tonio Farrugia nomine deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1998. Mandat kawtelatorju irid ikun sorrett minn kawża dwar il-mertu li t-talba attriċi għandha tkun proprju diretta biex dak il-mertu jiġi sodisfatt. Ma jagħmilx allura sens li jiġi ottjenut mandat kawtelatorju u l-kawża ssir biss biex dak il-mandat jiġi kkonfermat b'mod permanenti. Fil-fawża fl-ismijiet Dottor Nadia O'Flaherty vs Dottor Antoine Gambin deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2001 kien intqal illi; "*It-talba ma hijiex għall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni iżda hija talba speċifika biex il-konvenut jiġi inibit milli jieħu l-minuri barra minn Malta. Fl-ebda mument ma l-attriċi ma talbet il-konferma tal-mandat … li huwa biss imsemmi fil-premessi … Kontrarjament għall-każijiet imsemmija mill-konvenut il-mertu tal-mandat in kwistjoni huwa identiku għall-mertu tal-kawża … dan m'huwiex il-każ fil-kasistika mogħtija mill-konvenut. Hekk per eżempju l-inibizzjoni biex twaqqaf il-bejgħ ta' art soġġetta għall-konvenju. Kontrarjament f'dan il-każ il-proċedura korretta hija dik biex tiġi enforzata l-obligazzjoni tal-promessa fil-kontro-vendita' u mhux li ssir talba għal inibizzjoni permanenti ta' l-art; talba magħmula 'in vacuo' li m'hijiex relatata ma' l-azzjoni prinċipali li r-rikorrenti-attur qed jitlob l-intervent tal-Qorti dwarha. Fil-każ preżenti invece l-mertu huwa proprju l-inibizzjoni bħala mezz dirett għas-salvagwardja tad-drittijiet allegati ta' l-attriċi u mhux bħala mezz sekondarju u kawtelatorju biex drittijiet pretiżi oħra jistgħu fil-futur jiġu salvagwardjati.*" Din is-sentenza ġiet ukoll ċitata f'sentenza oħra mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2001 fl-ismijiet Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli.

F'din il-kawża huwa minnu li l-attur qiegħed jitlob konferma definittiva tal-mandat in kwistjoni iżda mbagħad qiegħed jagħmel talbiet oħra li fis-sustanza jfissru l-istess ħaġa. Għalhekk jekk it-talbiet l-oħra jiġu milqugħa dan il-punt isir akkademiku anke jekk il-Qorti jkollha naturalment tiddeċiedi xorta dwar it-talba msemmija fl-isfond ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuta, li kif ingħad tidher fondata minħabba l-mod kif saret appuntu dik it-talba.

Fil-mertu l-Qorti tħoss li għalkemm il-possibbilta’ li l-konvenuta titlaq minn Malta bit-tifel hija xi ftit remota minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, dan qatt ma jista’ jiġi eskluż, speċjalment *in vista* tal-fatt illi issa l-konvenuta għandha relazzjoni ma’ raġel ieħor barrani. Huwa dan li x’aktarx xpruna lill-attur biex jaġixxi u l-Qorti ma tistax tagħtih tort. Iċ-ċirkostanzi jidhru li nbidlu minn meta sar il-kuntratt ta’ separazzjoni u billi t-talbiet jirrigwardjaw il-minuri l-Qorti ser tiddeċiedi biex l-effetti ta’ l-istess kuntratt fejn jirrigwardja l-istess minuri jiġu mibdula għall-ġid suprem tiegħu. Fir-rigward pero’ tat-talbiet fir-rigward tal-passaport ma saritx prova li l-minuri qiegħed fuq il-passaport tal-konvenuta u għalhekk ma hemmx lok li t-tielet talba tiġi milqugħa, iżda jekk dan sar diġa’ l-Qorti ser tordna li jiġi rimedjat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ r-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuta u għalhekk tiċħad l-ewwel talba; tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra fejn applikabbli u għalhekk tilqa’ t-tieni talba u tordna li l-minuri X li twieled fis-17 ta’ Frar, 2001 ma jitħalliex joħroġ minn Malta jekk mhux bil-permess tal-Qorti jew tal-ġenituri tiegħu t-tnejn; tilqa’ r-raba’ talba u l-ħames talba u tordna lill-Uffiċjal tal-Passaporti biex ma jniżżilx il-minuri fuq il-passaport tal-konvenuta u jekk *gia’* qiegħed hemm jitħassar; tiċħad it-tielet talba billi ma hemmx lokha; tilqa’ l-aħħar talba u tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Uffiċjal tal-Passaporti u l-Kummissarju tal-Pulizija u kull awtorita’ oħra li jidhirlu l-attur illi għandu jkun notifikat.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------